## L-GHAQDA TAL-FOLKLOR FI PROGRAMM TAR-RADJU

Fit-30 t'April 1988, L-Ghaqda tal-Folklor ippartecipat fi programm fuq Cable Radio li ixxandar fid-9.05 pm. Dan kien wiehed minn serje "Kulhadd jghid tieghu" produzzjoni ta' Carmen Caccopardo Mariani, fejn diversi ghaqdiet gew offruti nofs siegha kull wiehed biex jizvolgu l-ghanijiet taghhom u jfissru s-suggett li jahdmu ghalih. Ghall-Folklor ippartecipaw is-sinjuri Guido Lanfranco, Alfred Fenech, Guzi Buontempo, Marija Pisani u Paul Portelli li minbarra li huma fil-kumitat tal-Ghaqda tal-Folklor, ghandhom interessi differenti fis-suggett. Hawn fil-qosor sejrin naghtu xi notamenti dwar dak li ntqal fil-programm.

<u>Guzi Buontempo</u> semma tifkiriet dwar: Tfal zghar libsin ta' soru jew ta' patri wkoll tan-Nazzarenu, ghax ikunu ghamlu weghda l-genituri taghhom ma' S.Rita, S.Antnin, ecc. Fra Krispin bil-horga, jitlob bieb bieb, ittih xi sitt habbiet u jghidlek "S.Frangisk jirrendi" u jtik ftit niskata minn kaxxa zghira bil-ghatu biex taghmilha f'nifscjk. Il-bandli nhar Lapsi barra t-triq, fejn kienu jaghmlu habel minn hajt sa hajt biex joghlew u jghannu. Mhux hafna fl-antik kien ikunhemm fid-djar arlogg forma ta' kampnar bil-pendlu. Fuq il-vara l-Kbira u fuq tad-Duluri, fil-processjoni tal-Gimgha l-Kbira, kienu jtellghu tfal zghar libsin ta' haruf, filwaqt li quddiem nett kien jimxi ragel idoqq il-flawt, u tat-tamburlin itambar kontinwament Bu-Bu-Bum....Bu-Bu-Bum... Il-Landier jissaldgg l-borom f'xi kantuniera u jaghmel il-widna ma' xi bott. Il-lanec ta' Mattei fil-Port il-Kbir, sitt habbiet mill-Isla sal-Belt. Fil-Premier, (Kafe Regina) il-waiter kien itektek mat-tazza biex tal-halib jersaq bil-moghza u jahlibha dak il-hin.

Alfred Fenech	Thellem hhala kollezzjonista ta' bosta affarijiet, fosthom ta' oggetti folkloristici. Kieku ma kienx hemm kollezzjonijiet, u muzewijiet, kieku jintilfu bosta oggetti wirt missirijietna. Il-muzewijiet akkwistaw bosta oggetti minn kollezzjonijiet privati, u dawn kollha jservu biex jghallmu, ghax aktar ahjar tara b'ghajnejk l-oggetti, u jekk ikunu ghandek ukoll tmisshom, biex tighallem dwarhom, milli taqra u tisma biss fuqhom. Mindu kien zghir kien jigbor. Fost tal-kcina hemm il-kenur tal-gebel, il-borma tal-fuhhar, il-pagna u t-tigana. Kellhom sprititieri ta' micca wahda, ta' tnejn tlieta u erbgha, borom tal-landa u enamel. Issa hemm il-kundita', izda qabel kont tara lin-nanna hdejn il-kenur bl-imrewha tal-gummar ghall-foga tal-hatab, biex tlesti l-minestra fil-borma tal-fuhhar, toghma ta' hatab. Fost l-ghodda ta' l-inghoddi kienhemm il-hadida tal-moghdija, fosthom tal-faham, tal-gass, petro, pitrolju, u ta' fuq l-ispiritiera,(sad iron) timlik nugrufun, tahraqlek idejk, u hdejjed ohrajn jistghu jisplodu; dawn kienu juru it-tbatija ta' nannietna. Il-mara tad-dar kellha wkoll l-ghodda biex tinseg id-drapp u tahdem il-bizzilla. Fil-kollezzjoni jidhru l-ghodda tar-raba, fosthom il-mohriet, romblu, xatba, ifakkruk fit-tbatija tal-bidwi. Ghad-dris kellu l-midra u l-luh u l-gharbiel. Kieku ma nibzghux ghall-dawn l-affarijiet fil-kollezzjoni narawhom biss fl-istampi

Paul Portelli	Ghandu diversi statwetti li jirrapprezentaw sitwazzjonijiet ta' nteress folkloristiku. Fosthom l-imhallef tal-beżqa, bil-kuruna tal-gurament. Grupp ta' tieg Malti antik, jippranzaw fil-bitha, bil-kappillan u l-ikel tal-prinjolata, pastizzi, biskuttini tar-rahal bid-daqqaqa u l-familjari. Tal-bexxiex(li tfakkru fi tfulitu); liz-ziemel kienu jitimghuh is-sill, u l-kelb jinxi taht il-karrettun. Tal-moghoz, jahleb fit-triq; tar-rizzi, ta' l-ilma, fratell

Rozarjant jigbor ghall-inghallqin; tal-frott, ghannejja, karrettun tal-haxix, subien bic-cippitatu. Dawn l-istatwetti, singli jew gruppi, mhux biss izejnu, izda jgibu quddiem ghajnejna l-hajja tat-torok kif kienet dari. Minbarra hekk, il-hajja ta' dari nistghu nifhmuha meta nigbru wkoll stampi, incizjonijiet, ritratti antiki, u oggetti ohra pjuttost ckejknin, izda nteressanti, bhalma huma bullettini, xengha tal-kandlora, fjakkli u oggetti ohra li nistghu niltaqghu maghhom bhalma huma n-nimri tal-forn biex ma jithallatx id-dish tieghek ma' ta' haddiehor, u l-marzebba tal-ballata. Hemm tifkiriet ohra bhalma hija il-minestra tal-kapuccini. Fost affarijiet tal-loghob bil-knisja kienhemm ukoll fratelli, patrijiet u monsinjuri, u ghall-milied bosta ghamliet t' pasturi.

<u>Maria Pisani</u> Meta staqsejniha kif bdiet tinteressa ruhha fil-kostumi (ilbies tradizzjonali,ecc) qalet dan li gej: Proprjament jien ninteressa ruhi fi kwalunkwe haga li ghandha x'taqsam mal-folklor ta' pajjizna, izda xi kultant jigru affarijiet li jaghtuk spinta lejn xi haga partikolari. Kont qeghda niehu sehem bhala attrici fil-"Predestinata" azzjoni Marjana ta' Vincenzo Maria Pellegrini, Muzika ta' Carmelo Pace, li kienet saret fit-teatru Manoel u ma kienx hemm min jiehu hsieb u jaddatta il-kostumi ghall-cast numeruz, u kelli nintriga jien. Wara, gejt mitluba naddatta u niddisinja il-kostumi ghal diversi opri li saru fit-teatru Manoel u allura aktar bdejt naghmel ricerka fuq l-ilbies u id-drawwiet ta' diversi epoki, skond meta u fejn svolga ruhu is-suggett tal kull opra, u izjed u izjed fuq il-kostumi ta' missirijietna. Kien bis-sahha tieghi li it-Teatru Manoel akkwista il-kostumi li ghandu llum. Li nitkellem fuq il-kostumi Maltin mill-preistorja sa' llum huwa suggett vast hafna li impossibbli tittrattah fi zmien qasir. Il-bicca carruta mahruqa li Sir Temi Zammit kien sab waqt l-iskavi ta' Hal Tarxien hi xhieda

li l-Maltin kienu ga jafu jinsgu fi zmien il-qedem. L-istatwetti misjuba fit-tempju, u issa konservati fil-Muzewta' l-Arkeologija juruna l-istil ta' l-ilbies ta' dak iz-zmien... tunika twila, ippjegata, aktarx ta' xi ghazel abjad. Fi zmien ir-Rumani, il-Maltinkienu maghrufin sew ghall-insig ta' drappijiet tas-suf u materjal iehor, sengha li wirtu minn ghand il-Fenici, izda ma nafux jekk kienhux jilbsu bhar-Rumani jew le; l-istess jista' jinghad ghall-zmien il-Gharab, ghalkemm dik l-ispeci ta' kappa bil-barnuz, maghrufa bhala kabozza, li kienet uzata mill-bdiewa, aktarx li hija ta' origini Gharbija. Wara l-Gharab gew l-Angevini, l-Aragonizi u l-Kastiljani, u xi haga minn taghhom dahlet fil-kostum Malti ukoll, bhal "montiere" li kienu brieret kbar ta' origini Spanjola, jilbsuhom l-irgiel, li skond Bosio baqghu jigu uzati sa l-ahhar tas-seklu 16, u skond Ciantar aktar minn seklu wara, li il-Gran Mastru Lascaris hareg bandu kontrihom, ghax permezz taghhom kienu qed isiru hafna abbuzi. Valentini jsemmi li fl-1458 il-bejjiegha Lhud kienu jgibu f'Malta hafna hwejjeg ta' l-ahhar moda minn Sqallija, u minn bnadi ohra ta' l-Ewropa. Insibu informazzjoni interessanti fuq l-ilbies tal-Maltin fis-seklu 16 fil-kotba ta' vjaggaturi li zaru Malta, u ghal zmien iehor ghandhaid-deskrizzjonijiet li hallewlna Ciantar u De Soldanis. Minn kitbiet taz-zwieg, incizjonijiet antiki u pittura, nistghu niksbu informazzjoni wkoll fuq l-ilbies tal-bdiewa, tan-nies tal-klassi tan-nofs, u tal-klassi gholja, li kienu jilbsu f'dawk iz-zminijiet. Kulhadd kien jilbes skond l-istat tieghu, u wkoll xebba, ma tilbisx bhal wahda mizzewga. Zmien l-Ordni ta' S.Gwann, il-kostum tradizzjonali Malti beda ftit ftit jitlef il-karatteristika tieghu u jersaq aktar lejn dak ewropew, sakemm f'nofs is-seklu 19, taht l-Inglizi, sar ewropew ghal-kollox, u issa fis-seklu 20 ma fadal xejn hlief xi tracca f'xi bdiewa xjuh; issa lbiesna sar mija fil mija kontinentali.

Guido Lanfranco     Semma kif bdiet l-Ghada tal-Folklor u xinhuma l-ghanijiet taghha. Huwa introduca l-programm u ikko-ordina il-partijiet rispettivi tal-kelliema.